KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 80

**Il-Ħamis 19 ta' Lulju 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dott. Daniel John Attard – Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku Antoine Vella ppresjeda l-laqgħa.

## 80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

80.1.1 Kien hemm ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku li nqrat waqt il-laqgħa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

80.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

80.2.2 Il-Kunsillier Bugeja proponiet li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Fenech issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 80.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

80.3.1 Minħabba li s-Sindku ma kienx prezenti ma kienx hemm kommunikazzjonijiet.

80.3.2 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien is-7:30pm.

## 80.4 Rikonfermat il-Ġemellaġġ ma' Pumpherston

80.4.1 Is-SE infurmat li l-kontinġent ta' 49 persuna li marru Pumpherston kienu ħadu gost u segwew il-programm sal-inqas dettall kif kien mitlub minnhom miz-zewġ Kunsilli kif ukoll mill-UE.

80.4.2 Hija qalet ukoll li l-kontinġent kien intlaqa' b'mod tajjeb ħafna mill-komunità ta' Pumpherston u kien biċ-ċar li dan il-ġemellaġġ ma kienx se jieqaf hawn għaliex saru ħafna ħbiberiji ġodda. Hija infurmat ukoll li kien hemm ħafna kummenti pozittivi anke mir-residenti Mtarfin fejn fost oħrajn qalu li wara snin li ilhom joqogħdu l-Imtarfa, wara din l-esperjenza issa verament qed iħossuhom parti mil-lokalità.

80.4.3 Is-SE infurmat li flaħħar kien irnexxielha tagħmel ukoll kuntatt mal-Kunsill ta' Arvidsjaur li għalkemm wera interess li jibqa' f'kuntatt mal-Kunsill tal-Imtarfa, kien informa li għalissa mhumiex f'pozizzjoni li jidħlu fi proġetti ġodda.

## 80.5 *ERDF.PA 5.0118 – Reviving Malta's highest point: The Mtarfa Clock Tower*

80.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddejja b'kommunikazzjonijiet biex jinħareġ it-*tender* li jmiss, dak tar-restawr tat-torri tal-arloġġ.

80.5.2 Infurmat ukoll li kienet ġiet mitluba min-naħa tal-Perit tal-Kunsill sabiex iġġib xi speċifikazzjonijiet għad-dawl tat-torri u li għaldaqstant kienet avviċinat lill-inġinier tar-Reġjun.

80.5.3 Hija infurmat ukoll li skont informazzjoni li għandha, suppost li għandu jsir l-iffirmar tal-ftehim sa madwar ġimgħatejn oħra.

## 80.6 MTFLC/T/01/2018 – Evalwazzjoni tat-Tender għas-servizz ta' *project management* għall-proġett tal-ERDF għat-torri tal-arloġġ

80.6.1 Is-SE infurmat li l-ġurnata ta' qabel kien għalaq it-*tender* tal-*project management* izda li ma kienx hemm zmien bizzejjed biex jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni biex jivverifika s-sottomissjonijiet.

80.6.2 Kien hemm qbil li dan għandu jiġi aġġudikat waqt il-laqgħa li jmiss.

## 80.7 Bord tal-evalwazzjoni – Offerti relatati mal-proġett tal-ERDF għat-torri tal-arloġġ u l-*interpretation centre*

80.7.1 Is-SE infurmat li kellha bzonn li jkollha dokumentat min se jkun fuq il-bord tal-evalwazzjoni tal-kumplament tat-*tenders*. Kien hemm qbil li jkunu l-istess tas-soltu, jiġifieri s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Fenech flimkien magħha. Is-SE issuġġeriet li fuq il-bord preferibbilment ikun hemm ukoll il-*projects manager.* Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 80.8 Punti oħra

80.8.1 Is-SE infurmat li l-AKL kienet qed titlob lill-Kunsill sabiex juru l-interess li jikkollaboraw biex jiġi eliminat l-uzu tal-bziezaq li jittajru waqt attivitajiet imtella' fil-lokal. Il-Kunsill qabel.

80.8.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni għal skema finanzjarja favur il-komunità u li tirrigwardja l-libreriji pubbliċi. Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għall-fondi sabiex jinxtraw siġġu għar-*reader* tal-istejjer, xi *armchairs* għal min irid jaqra u numru ta' *frames* bir-ritratti mill-*photobook*.

80.8.3 Is-SE infurmat li bl-għajnuna tas-Sur Benjamin Camilleri kienet se tiġi organizzata sessjoni sabiex jinzergħu numru ta' siġar min-naħa tar-residenti kif ukoll l-entitajiet u jiġu mħawla aktar 'il quddiem f'zoni li se jiġu individwati matul il-ġimgħat li ġejjin. Hija ssuġġeriet li għal din l-attività l-Kunsill jipprovdi xi *peat* kif ukoll *containers* zgħar biex iħawlu fihom jekk ikun hemm bzonn. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu provduti dawn l-affarijiet biex isir dan il-proġett tal-komunità.

80.8.4 Hawnhekk, is-SE talbet ukoll il-permess tal-Kunsill sabiex minħabba xi attivitajiet bħal din kif ukoll bzonnijiet ta' konsulenza oħra li ġieli jkollha mas-Sur Camilleri, tingħata l-fakultà li zzid madwar 5 sigħat fix-xahar jekk ikun hemm bzonn għal *urban planning* minbarra x-xogħol li qed jagħmel fil-bosk. Hija infurmat li xi drabi fil-prezent is-Sur Camilleri kien qed jagħmel aktar ħin minn dak allokat b'mod volontarju. Il-Kunsill qabel sakemm il-ħinijiet ikunu maqbula magħha minn qabel u li jirrigwardjaw xogħlijiet f'zonijiet oħra u mhux fil-parti tal-bosk li diġà jitħallas għaliha.

80.8.5 Sadanittant issuġġeriet ukoll li wara li ddiskutiet kemm mas-Sur Camilleri kif ukoll mal-aħwa Cortis, kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, kienet qed tissuġġerixxi li għal Ottubru ssir attività ta' ġbir ta' zebbuġ mis-siġar li hawn fil-lokalità. Hija ssuġġeriet li din tkun miftuħa għal numru ta'

voluntiera biex wara dan jintbagħat għat-tagħsir u l-Kunsill ikollu prodott verament tipiku u awtentiku mar-raħal tagħna. Bħala postijiet fejn jikbru z-zebbuġ kien hemm Triq San Alessi, bejn il-bosk u Binja Qlejgħa, Triq Dar il-Kaptan u Triq Sir Philip Pullicino kif ukoll ftit oħra fi Ġnien l-Imtarfa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

80.8.6 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva lura s-somma ta' €3454 min-naħa tar-Reġjun Tramuntana biex tkopri parti mill-ispiza li saret mill-Kunsill sabiex sar xi *major patching* ġewwa Triq San David.

80.8.7 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand il-President tal-Blokka Ċ u li kiteb f'isem ir-residenti li joqogħdu f'Binja Qlejgħa minħabba l-problema tal-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tiktiblu lura u tinfurmah li għandu jkellem lill-Awtorità tad-Djar.

80.8.8 Is-SE infurmat ukoll li l-iskrivan Alexander Caruana, li kien ilu 'l fuq minn sena u nofs ma jattendi għax-xogħol minħabba mard, kien infurmaha li għadda bord.

## 80.9 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

80.9.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Reġjun Tramuntana kien se jorganizza attività kulturali oħra fix-xahar ta' Settembru flimkien mal-kunsilli ta' Pembroke, Swieqi, Dingli, Mġarr u San Pawl il-Baħar. Din l-attività kienet tikkonsisti minn Folk Festival.

80.9.2 Il-Kunsillier Mifsud informa wkoll li fil-prezent ir-Reġjun kellu kwistjoni għaddejja dwar xi ħlasijiet tat-tribunal.

## 80.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

80.10.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart imħallat kien bagħat il-kontijiet tiegħu però dawn ma kinux qed jirriflettu l-ammont korrett għaliex ir-rata m'għamilhiex skont kemm-il darba qed jagħmel il-ġabra. Hija uriet kommunikazzjoni li kellha mingħand l-avukat tal-Kunsill fejn dan qed jikkonferma li r-rata li għandu jitħallas biha hija dik li ġiet ikkalkulata mill-amministrazzjoni u mhux mill-kuntrattur. Hija infurmat li kienet ikkonfermatha wkoll mal-*accountant* tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu għaldaqstant li l-kuntrattur jitħallas għall-4 ġabriet li qed jagħmel skont ir-rata għal kull ġurnata u mhux għall-ammont li qed jitlob.

80.10.2 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 80.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

80.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Awwissu fis-7:15pm.

Konfermati, illum 22 ta' Awwissu 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |